MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2013

Mandat Numru. 1150/2013/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1150/13 fl-ismijiet:

**SILVER KING LIMITED** (C – 42298) direttur ta' liema huwa Pierre Darmanin

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**, Enemalta, Il-Kontrollur tad-Dwana, l-Avukat Ġenerali, Il-Kmandant tal-Forzi Armati u r-Reġistratur tal-Qrati

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta’ Awissu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli “jittrasferixxu, ineħħu, ibiegħu, iħottu, jiċċaqilqu (*sic*), jmissu kwalunkwe *fuel* li legalment u regolarment tinstab fuq il-bastiment *M.v. Silver King* proprjeta’ ta’ l-esponenti” jew li “jittrasferixxu, ineħħu, ibiegħu, iħottu, jiċċaqilqu (*sic*), jmissu l-imsemmi *fuel* mill-bastiment *M.v. Silver King* għal fuq *barge*, bastimenti oħrajn u/jew kwalunkwe dgħajsa oħra jew mezz ta’ trasport” jew “jagħtu ordni/kwalunkwe ordni sabiex isir l-istess”;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Awissu, 2013, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien biex iressqu Tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-8 ta’ Awissu, 2013;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Kummissarju tal-Pulizija, Kmandant tal-Forzi Armati u Avukat Ġenerali fis-7 ta’ Awissu, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imsemmija, laqgħu għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi qalu li m’hemmx l-elementi li bihom din il-Qorti tista’ tilqa’ t-talba u talbu li jinġiebu quddiem din il-Qorti l-atti tar-rikors għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1023/13JZM dekretat fit-2 ta’ Awissu, 2013, li kien jittratta dwar l-istess talba li kienet qiegħda ssir f’din il-proċedura tal-lum.  Qalu wkoll li l-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta ddaħħal fil-kwestjoni għal xejn għaliex, hekk kif il-bastiment iddaħħal f’Malta u l-każ għadda f’idejn il-Korp tal-Pulizija għall-istħarriġ, l-Armata ma kellha l-ebda sehem ieħor fil-każ u lanqas hu maħsub li terġa’ tinvolvi ruħha.  Seħqu wkoll li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat hija nulla u irrita għaliex, bi ksur tal-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12, il-kumpannija rikorrrenti naqset li mqar tgħid x’inhuwa l-jedd li hija trid li jitqiegħed fiż-żgur bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub.  Iqisu din it-talba tal-kumpannija rikorrenti bħala tentativ abbużiv ta’ appell minn degriet ieħor li diġa’ ċaħad talba għall-ħruġ tal-Mandat fuq l-istess kawżali;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Korporazzjoni Enemalta fis-7 ta’ Awissu, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm

imsemmija, oppona għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi saħqet li din ma kellhiex jeddijiet x'tivvanta u għalhekk ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat. B'mod partikolari, tgħid li r-rikorrenti naqset li ssemmi x'inhu l-preġudizzju li hija trid li żżomm milli ġġarrab bil-ħruġ tal-Mandat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana)[1] fis-7 ta' Awissu, 2013, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi qal li l-ilment tal-kumpannija rikorrenti ma jissoddisfa l-ebda wieħed mill-elementi meħtieġa mitluba mil-liġi biex jista' jinħareġ favuriha l-Mandat minnha mitlub. Minbarra dan, qal li kull talba għall-ħruġ tal-Mandat hija intempestiva ladarba l-*fuel* kien inqabad b'ordni ta' Qorti kompetenti pendenti Inkjesta Maġisterjali u hu ma jistax iwettaq fuq l-istess *fuel* is-setgħat li tagħtih il-liġi sakemm il-*fuel* jibqa' hekk maqbud;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-7 ta' Awissu, 2013 mill-intimat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali li biha laqa' għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu, li l-kumpannija rikorrenti messha fittxet rimedju fl-atti tal-inkjesta Maġisterjali u li, f'kull każ, it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat m'hijiex mistħoqqa għaliex ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimat waqt is-smigħ tat-8 ta' Awissu, 2013, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u kif ukoll dawk tal-atti tar-Rikors Numru 1023/13JZM;

[1] Li fl-atti tar-Rikors issejjaħ Kontrollur tad-Dwana

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Awissu, 2013, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob li l-intimati, jew min minnhom, jitwaqqfu milli b'xi mod iħottu minn fuq il-bastiment tagħha *M.v. Silver King* konsenja ta' *gasoil* li l-istess bastiment kien qed iġorr meta nżamm mill-Forzi Armati ta' Malta u nġab f'Malta taħt skorta flimkien ma' xi bastimenti oħrajn. Trid ukoll li huma, jew min minnhom, ma jiddisponux mill-istess *fuel* li hija tgħid li xtrat legalment u li huwa tagħha;

Tqis li l-imsemmija konsenja kienet tgħabbiet fuq l-*M.v. Silver King* meta, fl-1 ta' Lulju, 2013, waqt ronda ta' rutina minn biċċa tal-baħar tal-Forzi Armati ta' Malta ntlemħet roqgħa ta' żejt fil-baħar fl-ibħra territorjali ta' Malta. Il-Forzi Armati żammew il-bċejjeċ tal-baħar li kienu qrib, fosthom l-*M.v. Silver King*, u skortawhom sal-Port il-Kbir;

Tqis li hekk kif il-bastimenti ddaħħlu f'Malta, l-każ ingħata f'idejn il-Pulizija għall-istħarriġ tagħha u dawn, min-naħa tagħhom, għarrfu lill-Maġistrat tal-Għassa li fetħet Inkjesta Maġisterjali u ħatret esperti;

Tqis li b'degriet tal-5 ta' Lulju, 2013[2], il-Maġistrat Inkwirenti ordnat li l-bastimenti ma jiċċaqilqux minn fejn kienu jinsabu maqbudin;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti hija sidt il-bastiment *m.v. Silver King*[3];

Tqis li fid-9 ta' Lulju, 2013[4], l-espert imqabbad mill-Maġistrat sab li jkun xieraq li l-*fuel* jitneħħa minn fuq il-bastiment biex jitneħħa kull periklu kemm għall-istess

[2] Dok "TM2", f'paġ. 12 tal-Atti tar-Rik Nru 1023/13JZM
[3] Ara Dok "TM1", f'paġ. 11 tal-atti tar-Rik. Nru. 1023/13JZM
[4] Dok "KB2", f'paġġ 81 – 2 tal-Atti tar-Rik Nru 1023/13JZM

bastiment, kemm għall-ekwipaġġ li hemm fuqu u kif ukoll għall-inħawi fejn il-bastiment jinsab sorġut;

Tqis li fil-11 ta' Lulju, 2013, Pierre Darmanin (azzjonist tal-kumpannija rikorrenti) ressaq talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra bosta intimati biex iżommhom milli jneħħu l-*fuel* minn fuq il-bastiment jew li b'xi mod ibiegħuh;

Tqis li b'degriet mogħti fil-15 ta' Lulju, 2013[5], fuq talba magħmula b'rikors mill-Kummissarju intimat, il-Maġistrat Inkwirenti ordnat il-ħatt tal-*fuel* minn fuq il-bastimenti (minbarra minn fuq l-*M.v. Silver King*, ladarba kien hemm pendenti t-talba għall-ħruġ tal-Mandat u li kienet intlaqgħet provviżorjament fil-11 ta' Lulju, 2013) u l-ġarr tiegħu mill-Korporazzjoni intimata, bi spejjeż għar-Reġistratur intimat, u b'riżerva għall-ħlas ta' kumpens lill-kumpannija rikorrenti f'każ li ma jkun hemm lok li jittieħdu l-ebda proċeduri kriminali kontra tagħha jew f'każ li jirriżulta li l-*fuel* ma jkunx suġġett aktar għal konfiska;

Tqis li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitluba minn Pierre Darmanin ma ntlaqgħetx b'degriet mogħti minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-2 ta' Awissu, 2013[6];

Tqis li b'degriet ieħor tat-2 ta' Awissu, 2013[7], fuq talba oħra magħmula b'rikors mill-Kummissarju intimat, il-Maġistrat Inkwirenti ordnat il-ħatt, ġarr u żamma tal-*fuel* mill-Korporazzjoni intimata u bl-istess modalitajiet tal-ordni li ngħatat dwar il-bastimenti l-oħrajn;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[8];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-

[5] Dok "KP4", f'paġġ. 38 – 9 tal-atti
[6] Dok "KP1", f'paġġ. 22 – 31 tal-atti
[7] Dok "KP2", f'paġ. 33 tal-atti
[8] Art. 873(1) tal-Kap 12

jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux waħda soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[9]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[10];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[11]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha,

---

[9] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[10] Art. 875(3) tal-Kap 12
[11] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***

il-liġi[12] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[13], disaġju jew tħassib;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti ma tfissirx tassew x'inhu l-jedd li hija trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub. Dan lanqas ma tfisser minkejja li rappreżentant tagħha ttella' jixhed. Mis-sottomissjonijiet imressqa f'isimha, jidher li l-kumpannija rikorrenti tistrieħ fuq il-fatt li l-bastiment huwa tagħha u li l-*gasoil* xtratu wkoll. Waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tal-kumpannija rikorrenti tkellmet dwar "telf finanzjarju kbir" u li "l-kumpannija tista' tagħlaq" jekk kemm-il darba l-*fuel* jitneħħa minn fuq il-bastiment;

Tqis li d-difensuri tal-intimati seħqu li l-kumpannija rikorrenti m'għandha l-ebda jedd *prima facie* xi tħares bil-ħruġ tal-Mandat, u jirreferu għar-rimarki mgħoddijin mill-Qorti (diversament presjeduta) meta ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mressqa mill-azzjonist tal-kumpannija;

---

[12] Art. 873(3) tal-Kap 12

[13] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

Tqis li lil hinn mill-kwestjoni ta' jekk huwiex minnu jew le li l-kumpannija rikorrenti hijiex sid tal-*fuel* abbord il-bastiment, wieħed ma jistax ma jżommx quddiem għajnejh li, fil-qagħda attwali, l-imsemmija konsenja m'hijiex aktar disponibbli għall-kumpannija rikorrenti. Bis-saħħa tal-ordni magħmul mill-Maġistrat Inkwirenti, kemm il-bastiment (għalkemm dan m'huwiex parti mill-mertu tal-proċedura tal-lum) u kif ukoll il-*gasoil* ġew sekwestrati sakemm tintemm l-inkjesta. Dan ifisser li, bil-Mandat u mingħajru, l-kumpannija rikorrenti m'hi sejra tikseb xejn, għaliex m'għandha l-ebda jedd li tiddisponi hi minn dik il-konsenja. Fit-tieni lok, l-ordni mogħti mill-istess Maġistrat fit-2 ta' Awissu, 2013, jipprovdi dwar it-tneħħija tal-*fuel* minn fuq il-bastiment. L-għaref difensur tal-kumpannija qalet li l-fatt li ngħata l-ordni msemmi ma jnaqqas xejn mill-jedd *prima facie* tal-patroċinata tagħha li titlob li l-*fuel* ma jitneħħiex minn abbord. Dwar dan hija tat riferenza għal xi deċiżjoni ta' din il-Qorti (diversament presjeduta)[14] dwar l-awtonomija bejn l-azzjoni kriminali u dik ċivili. Madankollu, l-Qorti taħseb li dik ir-riferenza ma toqgħodx għall-każ tal-lum[15]. Minbarra dan, naqset li tfisser x'inhu l-jedd li r-rikorrenti trid tħares billi l-qagħda tibqa' kif inhi jew x'azzjoni fi ħsiebha tipproponi (jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat) biex issegwi l-pretensjonijiet tagħha;

Tqis li, fil-qafas ta' dan kollu, l-kumpannija rikorrenti naqset li turi x'inhu l-jedd mad-daqqa t'għajn li hija għandha biex tressaq it-talba li ressqet;

Tqis għalhekk li l-element tal-jedd mad-daqqa t'għajn m'huwiex soddisfatt;

Tqis li ladarba ma jirriżultax il-jedd, wisq aktar ma tirriżultax il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk bil-konsiderazzjonijiet tagħha. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-

[14] P.A. GC **16.12.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs Kontrollur tad-Dwana*** (appellata)
[15] Ara Degriet P.A. AJM **27.8.2009** fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Tyronne Pisani vs Kummisarju tal-Pulizija et*** (Rik. 1311/09)

inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[16], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda ma' dan kollu, fejn l-egħmil li jrid jitwaqqaf jista' jingħata rimedju dwaru b'kumpens fi flus, jonqos ukoll l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat. Fl-ordni mogħti mill-Maġistrat Inkwirenti, intgħamlet riżerva espressa dwar il-jedd tal-kumpens favur il-kumpannija rikorrenti f'każ li 'l quddiem mill-inkjesta joħroġ li ma kien hemm l-ebda ksur tal-liġi jew li m'huma sejrin jittieħdu l-ebda proċeduri kriminali;

Tqis għalhekk, li wkoll dwar dan l-element mitlub mil-liġi ma jirriżultax li hemm raġuni tajba biex il-Qorti tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma ntweriex li jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar** ***contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-2 ta' Awissu, 2013, safejn it-talba tal-kumpannija rikorrenti kienet intlaqgħet b'mod provviżorju; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta' din il-proċedura jitħallsu mill-kumpannija rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, 22 ta' Awissu, 2013.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[16] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***